A.L. 90 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 9 ta' l-1997, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mid-9 ta' Novembru 2005 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq l-ewwel erba' semestri tal-Kors. Biex itemm b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors, kandidat għandu jikseb mill-inqas 55 kredtu (li jinkludu l-kredti għat-taqsimiet studju obligatorji kollha), li minnhom 27 kredti (li jinkludu l-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji) għandhom jittieħdu fl-ewwel żewġ semestri."